Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1367/2001/1

**Chris Borg**

**Vs**

**Joseph Turner u b'digriet tat-2 ta' Settembru 2002 gie kjamat fil-Kawza Alexander Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u wiehed u tletin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm731.55), danni sofferti mill-attur f'incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Lulju 2001 bejn vettura bin-numru HMY 154 u l-vettura bin-numru CAS 685 misjuqa mill-attur.

Ra li mill-atti jirrizulta li hadt mill-konvenuti ma kkontesta l-kawza.

Ra li l-attur irrinunzja ghall-proceduri in kwantu dawn jirreferu ghall-konvenut Joseph Turner (ara verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2003 a fol. 40) u zammhom fermi fil-konfront ta' l-imsejjah fil-kawza ghaliex *"kien hu li ppermetta lix-xufier taghha li jsuq vettura meta ma kienx kopert minn polza ta' assigurazzjoni"*.

Semgha x-xhieda minn fejn jirrizulta li:

1. Il-persuna li kienet qeghda ssuq il-vettura HMY 154 ma kenitx koperta minn polza ta' assigurazzjoni. B'rizultat ta' hekk l-Omnibus Pool ma setatx tonora l-hlas u baghtet tgharraf lill-attur li Joseph Turner ma kienx persuna li jikkwalifika bhala *"authorised driver… ghal fini tal-operat tal-Kap. 104"* [fol. 43].

2. Il-vettura HMY 154 hija propjeta ta' l-imsejjah fil-kawza. Skond ma xehed l-attur, xhieda li ma gietx kontradetta, Alexander Abela kien qallu li ser jaghmel tajjeb ghad-danni kollha.

Huwa l-obbligu ta' kull propjetarju ta' vettura li jassigura ruhu li vettura tinstaq minn persuna li tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni. Il-vettura HMY 154 hija xarabank. Dan apparti mill-fatt li mill-provi rrizulta li l-imsejjah fil-kawza kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghat-tiswija tal-hsara li garrbet il-vettura ta' l-attur fl-incident de quo.

Dwar id-danni, dawn gew sodisfacentement ippruvati [xhieda ta' Dr. Louis Bianchi u dokumenti ezebiti a fol. 45 – 49).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-imsejjah fil-kawza Alexander Abela sabiex ihallas is-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm679.58), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-imsejjah fil-kawza.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------